

32007D0160

9.3.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 69/39

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Frar 2007

dwar il-pożizzjoni tal-Komunità rigward l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-approvazzjoni ta' sistemi ta' partizzjoni biex jipproteġu lill-passiġġieri minn bagalji maqlugħa minn posthom forniti bħala tagħmir mhux oriġinali mal-vetturi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/160/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-ħsieb ta' l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jstgħu ikunu ffitjati ma' u/jew ikunu wżati ma' vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet reċiproċi ta' l-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) L-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (hawn aktar 'il quddiem "l-abbozz ta' Regolament UN/ECE") dwar l-approvazzjoni ta' sistemi ta' partizzjoni, forniti bħala tagħmir mhux oriġinali mal-vetturi, biex jipproteġu l-passiġġieri mill-bagalji maqlugħa minn posthom ⁽²⁾ tipprevedi l-abolizzjoni ta' l-ostakoli tekniċi għal-kummerċ fil-vetturi bil-magna bejn il-Partijiet Kontraenti fir-rigward ta' dawn il-komponenti, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza u ta' protezzjoni ta' l-ambjent.
- (2) Huwa xieraq li tiġi definita l-pożizzjoni tal-Komunità fir-rigward ta' l-abbozz ta' Regolament UN/ECE, u b'konsegwenza ta' dan biex issir proviżjoni għall-Komunità, irrappreżentata mill-Kummissjoni, biex tivvota favur dak l-abbozz.

- (3) Ġaladarba l-abbozz ta' Regolament jirrigwarda l-forniment ta' tagħmir mhux oriġinali, ma għandux isir parti mis-sistema Komunitarja għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-magna.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-abbozz ta' Regolament UN/ECE dwar sistemi ta' partizzjoni, forniti bħala tagħmir mhux oriġinali mal-vettura, biex jipproteġu l-passiġġieri minn bagalji maqlugħa huwa b'dan approvat.

Artikolu 2

Il-Komunità, irrappreżentata mill-Kummissjoni, sejra tivvota favur l-abbozz ta' Regolament tal-UN/ECE msemmi fl-Artikolu 1 fl-aqgħa fil-ġejjieni tal-Kumitat Amministrattiv tal-Forum Dinji ta' l-UN/ECE għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi.

Artikolu 3

Ir-Regolament tal-UN/ECE dwar sistemi ta' partizzjoni, forniti bħala tagħmir mhux oriġinali mal-vettura, biex jipproteġu l-passiġġieri minn bagalji maqlugħa m' għandux isir parti mis-sistema Komunitarja għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-magna.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Frar 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MÜNTEFERING

(1) ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78.

(2) Dokument TRANS/WP.29/2005/2088.